MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1962/2003

**U.C.I.M Company Limited**

**Vs**

**Mario Fleri Soler**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm186.00c (mija u sitta u tmenin lira Maltin) rappresentanti import ta’ tlett kambjali, wahda ta’ Lm10.00c (ghaxar liri Maltin) (bilanc), wahda ta’ Lm81.00c (wiehed u tmenin lira Maltin) u wahda ta’ Lm95.00c (hamsa u disghin lira Maltin), debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2002 sa Dicembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma’ l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 3 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-24 ta’ Settembru 2003 jammontaw ghal Lm14.00c (erbatax-il

lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' cessjoni tas-socjeta' attrici pprezentata llum seduta stante li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet is-sorte stante li thallas fil-mori tal-kawza, u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici ghall-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------